MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-21 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 10/2010

Claudia Muscat

Vs

Alfred Caruana

Il-Bord

Ra ir-rikros ippresentat fit 22 ta' Settembru 2010 fejn ir-rikorrenti Claudia Muscat ippremettiet:-

Illi hija s-sid tal-ghalqa tal-kejl superficjali ta' zewgt tomniet, tlett sieghan u kejla, mlaqqma bhala 'tal-Hlas', kontrada ta' Wied is-Sewda, limiti ta' Hal Qormi, tqabbel l-istess ghalqa lill-intimat bil-qbiela ta' sitt Euro u disgha u disghin centezmu (€6.99) fis-sena li tithallas fil-hmistax ta' Awissu ta' kull sena, bl-iskandenza li jmiss dik tal-15 ta' Awissu 2011.

Illi l-intimat kiser il-kundizzjonijiet tal-kirja

Illi l-intimat naqas li jahdem l-imsemmi raba u qed juzaha biex izomm diversi vetturi abbandunati

Illi l-intimati bena diversi strutturi illegali u allura bena minghajr il-permessi necessarji ta' l-Awtorita' tal-Ambjent u Ippjanar, u hemm ukoll diversi hsarat.

Illi ghalhekk l-esponenti ghandha dritt titlob ir-ripreza ta' l-istess raba a tenur tal-Artikolu 4 (2) (d) u (f) tal-Kap 199.

Ghaldaqstant, l-esponenti talbet lill Bord sabiex jawtorizzaha tirriprendi l-pussess tal-imsemmi raba fuq deskritt billi jordna l-izgumbrament tal-intimat f'terminu qasir u perentorju.

Ra ir-risposta tal-intimat ippresnetata fil-21 ta' Ottubru 2010 fejn wiegeb ghal dak mitlub lill dana il-Bord billi qal:-

Illi, qabel xejn, ir-rikorrenti trid tipprova li hija ghandha l-interess guridiku skond il-Ligi halli tressaq din l-azzjoni.

Illi l-intimat jiddefendi ruhu billi jsostni li l-pretensjoni tar-rikorrenti hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-intimat jirrileva li hu qed jahdem din ir-raba moghtija lilu bi qbiela

Illi m'hu ser tissusisti l-ebda raguni indikata mir-rikorrent li tawtorizzaha li tirriprendi l-pussess ta' tali raba u tordna l-izgumbrament tieghu.

Ra illi fl 20 ta' Jannar 2011 giet ippresentata l-affidavit ta' Claudia Muscat flimkien ma dokumentazzjoni varja, kemm dwar it-titolu taghha, kif ukoll dwar l-ghalqa in kwistjoni.

Ra illi fl-20 ta' Jannar 2011 gie ippresentat l-affidavit tal-Perit Samuel Formosa, flimkien ma rapport minnu redatt dwar l-ghalqa u ritratti illi huwa ha meta acceda fuq il-post.

Ra ix-xhieda ta’ Kenneth Cassar moghtija fit 2 ta’ Marzu 2011 fil-kapacita’ tieghu ta’ Agricultural Officer fi hdan id-Dipartiment tal-Agrikoltura kif ukoll id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Sema ix-xhieda ta’ Ivor Robinich moghtija fit 23 ta’ Novembru 2011 fil-kapacita tieghu ta’ rappresentant tal-MEPA.

Ra l-affidavit ta’ Alfred Caruana ippresentat fl-20 ta’ Jannar 2012.

Ra l-affidavit ta’ Jason Caruana ippresentat fl-20 ta’ Jannar 2012.

Sema il-kontro ezami ta’ Claudi Muscat illi sar fil 21 ta’ Marzu 2012.

Sema il-kontro ezami ta’ Alfred Caruana illi sar fis 27 ta’ Gunju 2012.

Sema il-kontro ezami ta’ Jason Caruana illi sar fis 27 ta’ Gunju 2012.

Sema ix-xhieda ta’ Martin Caruana moghtija fl 24 ta’ Ottubru 2012.

Ra r-rapport tal-esperti appuntati sabiex jassistu l-Bord, ossija Perit Joseph Jaccarini u s-Sur Anthony Mifsud, liema rapport gie ippresentat fis 16 ta’ Marzu 2011.

Ikkunsidra

Mill-provi prodotti jirrizulta illi r-rikorrenti wirtet lill Reverendu Kanonku Dun Gwakkin Schembri meta huwa miet fl 1 ta’ Novembru 2006 u ddenunzjat l-ghalqa meritu tal-kawza ohra fl 10 ta’ April 2007 fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro.

L-intimat, da parte tieghu, kellu l-art meritu tal-kaz odjern imqabbla lill familja tieghu sa mill 1951 u, wara il-mewt ta’

ommu, dina l-art ghaddiet ghal fuqu, u di fatti kien imur ihalla sil-qbiela ghand missier ir-rikorrenti, in-Nutar Antoine Agius.

Jirrizulta illi wara illi r-rikorrenti wirtet l-art, hija bdiet turi interess f’tali propjeta’ u meta marret tara l-ghalqa, hija innutat illi kienet fi stat ta’ abbandun, kien hemm diversi vetturi scrap mitluqa fl-ghaqla u kien hemm diversi stallel ta’ zwiemel u zwiemel fihom. Sussegwentement, fuq indagini illi r-rikorrenti ghamlet mal-MEPA sabiex dawna jgharrfuha jekk hemmx permessi ghal kmamar illi setghet tara fl-art, hi giet mgharrfa illi ma kien hemm ebda permessi ghal bini f’dik il-propjeta’ u setghu jittiehdu passi kontriha mill-MEPA ghat-tindif tal-ghalqa peress illi l-ghalqa tghajjat lilha bhala sid.

Ghalhekk, wara illi qabbdet Perit sabeix jaccedi fuq il-post u jaghmel rapport dwar dak li seta jara, hija niedet il-proceduri odjerni sabiex tiehu lura l-pussess tal-ghalqa peress illi l-ghalqa ma kienetx qed tintuza u peress illi kien hemm bini illegali u kienu qed jinzammu vetturi abbandunati u ghalhekk kienet qed issir hsara.

L-intimat, da parte tieghu, stqarr illi l-genituri tieghu kienu jahdmu l-ghalqa u meta kiber hu, beda jizraghha hu. Huwa sahaq li l-ghalqa dejjem jizraghha bil-qamh, liema qamh jinzera f’Novembru u jinhasad f’Mejju, u fil-periodu wara li jinhasad, l-art tithalla tistrieh. Zied jghid ukoll illi kien hemm xi vetturi li thallew fl-ghalqa min-neputijiet tieghu ghal ftit zhur sakemm dawna gew ‘scrapped’ u kien imqieghdin f’parti mill-ghalqa mal-gemb sabiex ma jtellfuhx mill-kumplament tal-ghalqa.

Wiehed min-neputijiet tieghu, Jason Caruana, xehed illi hu ilu jmur sa hdejn iz-ziju tieghu jghinnu minn meta kien zghir, u jghinnu biex jizra il-qmah u jahsadha filwaqt illi jiehu hsieb id-diversi zwiemel tat-tigrijia tieghu stess illu huwa jzomm hemmhekk ukoll. Stqarr ukoll illi kien hemm tlett vetturi imhollija ghal ftit zmien minn zewgt neputijiet ohra tal-intimat, u dawna kienu hemm sakemm ittiehdu go scrap yard.

Neputi iehor, Martin Caruana, hu Jason Caruana, stqarr illi l-ghalqa, li ddeskriviha bhala mhux saqwija ghalkemm fiha bir antik, tinhadem regolarment miz-ziju tieghu, u zied jghid illi ma jistax jimmagina liz-ziju tieghu minghajr l-ghalqa peress illi dejjem hemm. Stqarr ukoll illi fl-ghalqa hemm korsa taz-zwiemel illi tintuza sabiex idawwru iz-zwiemel, liema korsa tintuza meta l-ghalqa ma tkunx mizrugha.

Xhud tad-Dipartiment tal-Agrikoltura gharraf lill Bord illi, ghalkemm l-intimat huwa registrar bhala bidwi tal-ghalqa inkwistjoni, ma jidhirx illi qatt applika ghal xi tip ta’ sussidju tal-biedja. Tali fatt huwa kkonfermat, indirettament, mill-intimat u x-xhieda tieghu wkoll, peress illi lkoll stqarrew illi huma qatt ma bieghu prodott fil-pitkalija u kull ma kien jinzera fl-ghalqa kien biss qamh. Ebda mix-xhieda tal-intimati ma jaghmlu referenza ghall-prodott tal-kcina illi l-esperti tal-Qorti setghu jaraw mizruh f’parti zghira tal-ghalqa in kwistjoni.

Finalment, xhud tal-MEPA informa lill Bord illi ma kien hemm ebda permess jew applikazzjoni ghal bini fl-ghalqa meritu tal-kawza odjerna.

Ikkunsidra

Il-Bord, fl-ezercizzju sabiex jevalwa l-istat tal-ghalqa meritu tal-kawza odjerna, qabbad zewgt esperti sabiex jaccedu fuq il-fond in kwistjoni, u di fatti dawna accedew fuq il-post fit 28 ta’ Jannar 2011.

Fil-konstatazzjonjiet taghhom, huwa innutaw illi kien hemm parti tal-ghalqa,ossija ma zewgt gnub taghha, illi kienu diversi hxejjex tal-kcina kif ukoll kien hemm xi sigar tal-frott. Innutaw ukoll illi fin-nofs tar-raba kien hemm track taz-zwiemel, li fin-nofs taghha kien jidher li raba kien jinhadem izda meta ccedew fuq il-post kien kollu haxix hazin. Innutaw ukoll illi fl-ghalqa kien diversi kmamar mibnija tul il-gemb kollu tal-ghalqa, liema kmamar kienu, fil-maggoranza taghhom, jintuzaw bhala stallel jew ghat-trobbija tat-tigieg u ghasar tal-ghana. Innutaw ukoll illi

karozzi abandunati ma dehrux meta accedew fuq il-post. L-istess membri imbghad esebew Aerial photo mehud minn fuq il-Google Maps, li jidher li kien ittiehed fil 21 ta' April 2009.

Ikkunsidra

Illi qabel ma tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet finali taghha, ikun opportun illi jigu konsidrati l-elementi taz-zewgt talbiet tar-rikorrenti, ossija it-talba illi l-art tigi ripreza peress illi ilha ma tinhadem aktar minn tnax-il xahar, kif pprovdut fl-Artikolu 4 (2) (d) u ghax ma kienux qed jigu osservati il-kundizzjonijiet tal-kirja, kif pprovdut fl-Artikolu 4 (2) (f).

Dwar l-Artikolu 4 (2) (d) tal-Kap 199, il-Bord jaghmel referenza ghal dak li intqal fil-Qorti tal-Appell fil-kawza Markiz Joseph Scicluna vs Joseph Bezzina et 6 t'Ottubru 1999 citata b'approvazzjoni fil-kawza Fortunata Callus u zewgha Emanuel Callus vs Maria Farrugia (App Civ 20/10/2003):

"Din il-Qorti tifhem li meta l-ligi titkellem dwar uzu ta' raba riedet tfisser illi r-raba jkun mahdum skond is- sengha biex jigi utilizzat ghall-produzzjoni tal-prodotti. Ma kienetx allura tifhem li r-raba jkun qed jigi wzat jekk sempliciment kull tant zmien tintefa` ftit zerriegha mhollija ghall-elementi. Meta hekk jigri wiehed gustament seta' jsostni li r-raba ma jkunx qed jigi wzat imma abbuzat.

Dwar l-Artikolu 4 (2) (f) tal-Kap 199, il-Bord jaghmel referenza ghall insenjament ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet 'Vivien Cassar Desain et vs Carmel Vella' deciza fil 15 ta' Lulju 2009, fejn il-Bord kien qal hekk:-

F'dan il-kuntest il-principji li jirrizultaw mill- provvedimenti tal-ligi huma li:-

• Il-kerrej ghandu obbligu li jinqeda bil-haga mikrija u jahdem ir-raba' bhala missier tajjeb tal- familja (Art. 1554

u 1555 tal-Kodici Civili) u m'ghandux jinqeda biha b'mod li jista' jgib hsara lil sid il-kera;

• Iwiegeb ukoll ghal "...tgharriq u ghall-hsarat li jigru matul it-tgawdija tieghu, meta ma jipprovax li dan it-tgharriq jew hsarat graw minghajr htija tieghu." (Artikolu 1561 tal-Kodici Civili);

• Il-kerrej ghandu l-obbligu li f'gheluq il-kirja jirritorna l-haga mikrija fi stat tajjeb; • L-obbligazzjoni li ghandu l-kerrej li jirritorna lura l-haga fi stat tajjeb, hemm ukoll l-obbligu li "....li jikkunsinna l-haga, u li jikkonservaha sal-kunsinna." (Artikolu 1126 tal-Kodici Civili).

• "Il-ligi hi severa ma min jitraskura l-obbligu li jzomm fi stat tajjeb ta' riparazzjoni l-hitan tar-raba ghax hi konxja mill-importanza taghhom ghall- preservazzjoni tal-hamrija u bhala lqugh ghall- elementi. Timponi ghal dan in-nuqqas is-sanzjoni massima ta' l-evizzjoni biex tassigura l-osservanza ta' dan l-obbligu" (Carmela Aquilina vs Tereza Magro deciza fil-25 ta' Gunju 1996).

Fil-kawza fl-ismijiet Nicholas Jensen et vs Emanuel Galea deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Mejju 2005, gie spjegat x'ghandu jinftiehem minn uzu tar-raba fil-kuntest ta' akkuzi illi l-art saritilha hsara billi intuzat ghal skopjijiet ohra, u dina qalet:-

Premessi dawn il-varji aspetti estratti mill-aggravji, jinghad qabel xejn, bhala oservazzjoni introduttiva ta' indoli generali, illi l-kuntratt ta' kiri ta' fond rustiku, tnehhi certi tipi partikulari fejn ikun hemm arrangamenti assocjati bhal per ezempju l-koltivazzjoni tar-raba flimkien mat-trobbija ta' bhejjem, di regola ghandu bhala oggett il-godiment ta' haga produttiva u ghalhekk l-affitt ta' raba jista' jigi definit bhala l-lokazzjoni ta' art ghall-koltivazzjoni ta' prodotti agrikoli versu l-korrispettiv ta' qbiela;

Minn dan jemergi l-obbligu fil-gabillott kerrej li jikkoltiva r-raba u li jaghmel uzu minnha qua bonus paterfamilias, u skond id-destinazzjoni taghha. L-obbligu hu dak allura li l-kerrej jikkonduci gestjoni produttiva u jezercita attivita` agrarja. Kif espress fid-decizjoni fl-ismijiet "Markiz Joseph Scicluna -vs- Joseph Bezzina et", Appell, 6 ta' Ottubru 1999, "meta l-ligi titkellem dwar l-uzu tar-raba riedet tfisser illi r-raba jkun mahdum skond is-sengha biex jigi utilizzat ghall-produzzjoni tal-prodott";

Naturalment huwa lecitu li jigi sottolinejat illi l-art mikrija trid tkun suxxettibbli ta' koltivazzjoni;

Ikkunsidra

Fid-dawl tal-insenjament fuq enuncjat, il-Bord ser jghaddi biex jaghmel il-konkluzjonijiet tieghu.

Artikolu 4 (2) (d)

Skond ix-xhieda u d-dokumentazzjoni prodotta mir-rikorrenti, hija tistqarr illi l-ghaqla meritu tal-kawza odjerna kienet mitluqa u ma kienetx qed tintuza, u di fatti esebiet ritratti limitati ghal parti tal-propjeta meritut al-kawza odjerna illi juru li l-ghalqa kienet mimlija haxix hazin.

Minn naha l-ohra, l-intimat jishaq illi huwa dejjem ghamel uzu mill-ghalqa ghal-koltivazzjoni tal-qamh, liema fatt huwa kkonfermat minn zewgt neputijiet ta' l-istess intimat, illi ghandhom zwiemel fl-ghalqa tal-intimat u li jafu li l-intimat jizra il-qamh fil-post.

L-esperti imqabbda mil-Qorti, da parte taghhom, jikkonfermaw illi f'parti tal-ghalqa, hemm sigar tal-frott u hemm ukoll diversi hxejex komunement maghrufa bhala hxejjex tal-kcina, bhalma huma patata, basal, qarabaghli u pastard. Ikkonfermaw illi setghu jikkonstatw illi fil-parti tan-nofs tal-korsa, li tistab madwar parti kosniderevoli tal-ghalqa, jidher illi kien jinhadem, ghalkemm meta accedew fuq il-post kien kollu haxix selvagg, u kienu infurmati li kien mizrugh il-qamh izda ma kienetx nibtet.

Il-Bord ma jistax ma jinnutax illi, ghalkemm jirrizulta li l-qamh jinzera f'Novembru u jinhasad f'Mejju, u dana skond l-intimat stess, meta accedew fuq il-post l-esperti, ossija fit 28 ta' Jannar 2011, l-ghalqa kienet mimlija haxix selvagg. Madanakollu, deher ukoll mir-ritratt a fol 51 esebit mill-esperti illi l-ghalqa ma kienetx fl-istess stat illi setgha jikkonstataha l-Perit Formosa, a fol 30 tal-process. Ghalhekk, jidher li, b'xi mod jew iehor, l-ghalqa tidher li kienet qed tinhadem, u dana peress illi parti mill-ghalqa

kellha mizrugh hxejjex varji filwaqt illi parti ohra, bejn il-korsa taz-zwiemel, kienet tidher li nhadmet ftit zmien qabel.

Ghalhekk, it-talba ghar-ripreza abbazi tal-Artikolu 4 (2) (d) tal-Kap 199 ma jirrizultax ippruvat

Artikolu 4 (2) (f)

Skond il-provi prodotti mir-rikorrenti, fl-ghalqa kien hemm vetturi abbandunati, kif jidher a fol 30 tal-process, kif ukoll diversi kmamar u stallel taz-zwiemel kif ukoll korsa taz-zwiemel fl-ghalqa inniffisha, u ghalhekk l-ghalqa ma kienetx qed tintuza ghall iskop illi ghaliha kienet lilu mikrija.

L-intimat, minn naha tieghu, ressaq provi fejn sahaq illi, filwaqt li kien minnu li kien hemm xi vetturi fl-ghalqa, dawna kienu hemm ghal ftit zmien sakemm gew ‘scrapped’ min-neputijiet tieghu. Apparti minn hekk, ghalkemm huwa stess ma ghamel ebda referenza ghall-kmamar kollha illi hemm salv illi, I n kontro ezmai, qal illi l-kmamar kien sabhom hemm, in-neputijiet tieghu ili xehdu quddiem il-Bord stqarrew illi l-kmamar, li jinkludu diversi stallel, kienu ilhom hemm ghal hafna zmien.

Apparti minn hekk, l-intimat, illi ma kienx f’pusizzjoni jghid kemm il-stalla kien hemm fl-ghalqa tieghu, stqarr illi t-tfal ta’ hutu, jigifieri n-neputijiet tieghu, kienu jiehdu hsieb kollox peress illi jiehdu hsieb iz-zwiemel li kien hemm, fosthom zwiemel taghhom ukoll.

Dwar il-kors taz-zwiemel illi hemm, huwa sahaq illi tali korsa qieghda hemm sabiex, kull tant zmien, idawwar iz-zwiemel, peress illi tali zwiemel huma tat-tigrija u jenhtieg illi iddawwarhom kull tant zmien. Huwa stqarr, izda, illi z-zwiemel mhux dejjem kienu hemm, izda l-istallel, meta dahal fil-psot hamsin sena ilu, kienu gia hemm.

Il-Bord ma jistax ma jinnutax illi, illi fil 5 ta‘ Awissu 2010, gewwa l-ghalqa meritu tal-kawza odjerna, kien hemm

erbgha karozzi, fi stat avvanzat ta‘ zarmar, minghajr numri ta‘ registrazzjoni,, tlieta minnhom certament mhux fi stat illi jinstaqu b’ebda mod, filwaqt illi r-raba wahda, ghalkemm kien ghad ghandha r-roti fuqha, ma tantx tidher illi kienet fi stat illi tinstaq.

Ghandu jigi nnutat ukoll illi fil 21 ta‘ Mejju 2009, kif jidher fl-Aerial Photo esebit mill-esperti a fol 55 tal-process, l-erbgha vetturi fuq imsemmija jidhru fl-istess post fl-ghalqa, u ghalhekk certament tali vetturi kienu ilhom hemm ghal zmien qabel ma eventwalment accedew fuq il-post l-esperti fit 28 ta‘ Jannar 2011.

Il-Bord ukoll ma jistax ma jinnutax illi fl-istess post fejn jidher illi kien hemm il-vetturi imqieghdin kif fuq imsemmija, fil-mument li kien hemm l-access fuq imsemmi, kien hemm xi prodott mizrugh, kif jidher fir ritratt ta fuq, fuq ix-xellug a fol 54 tal-istess process.

Il-Bord ma jistax ma jikkonkludix illi l-intimat, jew in-neputijiet tieghu illi jidher li jaghmlu uzu frekwenti tal-ghalqa ta’ zijuhom, wara li nfethet il-kawza, hadu hsieb illi jikkultivaw xi prodotti bil-ghan illi jintwera li l-ghalqa meritu tal-kawza odjerna qieghda tintuza ghal skopijiet agrikoli.

Madanakollu, il-Bord ma jistax ma jirrilevax illi, ghalkemm sar tali tentattiv da parte tal-intimati, xorta wahda ma nehhewx l-aktar partijiet li jistghu juru li attwalment l-ghalqa qed tintuza ghal skopijiet ohra u mhux agrikoli, ossija id-diversi stallel illi hemm fl-ghalqa u, aktar u aktar, il-korsa taz-zwiemel illi hemm madwar parti konsiderevoli tal-ghalqa innifisha.

Il-Bord, filwaqt li jaghmel referenza ghal kawza fuq indikata Jensen vs Galea, jinnota illi, ghalkemm il-Qorti, f’dak il-kaz, taghmel referenza ghal trobbija tal-bhejjem, tali referenza ghandha tinftiehem illi taghmel referenza ghal trobbija ta’ bhejjem ghal skopijiet agrikoli. Apparti minn hekk, l-istess Qorti tghid illi dana japplika meta hemm arrangament specjali. Issa, fil-kaz odjern, ma jistax jigi kkontestat illi l-bhejjem li hemm, ossija zwiemel, ma humiex qed jintuzaw ghal skopijiet agrikoli, izda huma

zwiemel tal-korsa, li jintuzaw unikament ghat-tlielaq taz-zwiemel. Apparti minn hekk, l-istess intimat jistqarr illi zwiemel ma kienx hemm meta dahal fil-fond, u ghalhekk certament ma jistax jirrizulta li kien hemm xi arrangament specjali assojacjati mat-trobbija ta' bhejjem fuq l-art in kwistjoni.

Il-Bord ukoll ma jistax ma jinnotax illi ghalkemm jidher li qed issir uzu agrikolu ta' parti mill-ghalqa, jidher car li l-uzu principali tal-ghalqa ma hijiex dik agrikola, kif kienet originalment intiza, izda l-uzu taghha hija dik tar-trobbija taz-zwiemel u annimali ohra. Dana jidher car, kemm mill-istallel illi gew mibnija gewwa l-ghalqa, u, aktar u aktar, mill-korsa li tidher illi hemm fl-ghalqa, li tidher li tintuza regolarment sabiex iz-zwiemel jinzammu ppreparati ghat-tigrijiet taghhom.

Hija ghalhekk cara lill Bord li l-intimat ma huwiex qieghed jikkonduci "gestjoni produttiva u jesercita' attivita' agrarja" izda qieghed juza l-ghalqa sabiex huwa, flimkien man-neputijiet tieghu illi jiehdu hsieb kollox, jrabbu z-zwiemel ghat-tigrija, kif ukoll annimali ohra.

Ghalhekk, it-talba ghar-ripreza ta' parti tar-rikorrenti abbazi tal-fatt li l-kundizzjonjiet tal-kirja mhux qed jigu onorati, a tenur tal-Artikolu 4 (2) (f) tal-Kap 199 tirrizulta gustifikata.

Konkluzjoni

Il-Bord,

Wara illi ha konjizzjoni tax-xhieda kollha prodotti quddiem il-Bord diversament ippresjeduta kif ukoll ir-ritratti hemm esebiti.

Wara illi semghet ix-xhieda prodotti quddiema u rat ir-rapport u ritratti quddiemha ppresentati.

Qieghed jaqta u jiddeciedi l-kawza billi, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija:-

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha imressqa mil-intimat

2. Tilqa t-talba rikorrenti skond l-Artikolu 4 (2) (f) tal-Kap 199 minhabba li naqas milli jhares il-kondizzjonijiet tal-kirja relatata mal-uzu ta' l-istess ghalqa

3. Ghal finijiet ta' zgumbrament, il-Bord qieghed jordna illi l-izgumbrament isehh il-gurnata ta' wara l-iskadenza li jmiss, ossija 15 ta' Awissu 2013.

4. Peress illi t-talba tar-rikorrenti giet milqugha fuq il-bazi tal-Artikolu 4 (2) (f) tal-Kap 199, m'hemmx lof li jigi ffissat xi kumpens ghal xi benefikati agrikoli.

Spejjez kollha kontra l-intimat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------